MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 900/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Christian Bonello ta' 27 sena, iben Victor u Rita nee` Vassallo, imwieled Pieta` nhar it-02-02-1985 u residenti fil-fond 78, Ghajn Dwieli Rod, Paola u detentur tal-karta tal-identita ` bin-numru 110985M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. F'xi hin bejn is-sebgha ta' filghaxija tas-7 ta' Gunju 2012 u s-sebgha ta' fighodu tat-8 ta' Gunju, 2012, f'Haz-Zabbar, ikkommettiet serq ta' stereo CD player tal-marka 'Pioneer' bin-numru tal-mudell mhux maghruf, minn go vettura tal-ghamla Isuzu Gemini ta' lewn griz bin-numru ta'

registrazzjoni CA-717, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Darren Zammit minn Haz-Zabbar,

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla Isuzu Gemini ta' lewn griz bin-numru ta' registrazzjoni CAA-717, liema hsara m tiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-detriment ta' Darren Zammit minn Haz-Zabbar;

3. U talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi reati b'diversi sentenzi moghtja mill-Qrati ta' Mata, liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula'

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi kif xehdet il-Probation Officer Joanne Farrugia

jidher illi l-imputat qeighed jirriforma hajtu u kwindi piena karcerarja ma tkunx idoneja. Inoltre l-imputat ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijet taghhom u anke ikkumpensa ill-vittma tad-danni ikkagunati minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 289, 325, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zimen tlett snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------